MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 115/2004

Maria Aquilina .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha, l-attrici wara li ppremettiet :

Illi l-Att tat-Twelid numru tmienja u erbghin (48) ta’ l-elf disa’ mija u hamsa u tletin (48/1935) relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici (Dokument A) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna intestata “ismijiet moghtija” l-ismijiet “Maria,  Francesca” huma skorretti u jridu jigu “Maria, Francesca u Rita” filwaqt li l-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem hemm indikat bhala “Rita” huwa skorrett u minflok ghandu jkun “Maria” .

Illi l-ismijiet korretti moghtija lill-attrici huma “Maria, Francesca, Rita”, filwaqt li hija ilha minn twelidha maghrufa bl-isem “Maria”, tant li dan huwa l-isem moghti lilha anki fil-maghmudija taghha kif jidher mic-certifikat mahrug mill-Parrocca ta’ Nadur hawn anness bhala Dokument B .

Illi l-attrici trid li dan l-att jigi korrett .
Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

Previa d-dikjarazzjoni li l-Att tat-Twelid tal-attrici numru tmienja u erbghin (48) tal-elf disa’ mija u hamsa u tletin (48/1935) relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici (Dokument a) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna intestata “Ismijiet moghtija” l-ismijiet “Maria, Francesca” huma skorretti u jridu jigu “Maria, Francesca u Rita” filwaqt li fil-kolonna intestata u “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem hemm indikat bhala “Rita” huwa skorrett u minflok ghandu jkun “Maria” .

Bl-ispejjez .

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta .

Rat id-dikjarazzjoni da parti ta’ l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument A, l-att tat-twelid ta’ l-attrici, mahrug mir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, u bhala dokument B, certifikat tat-twelid taghha mahrug mill-parrocca tan-Nadur, Ghawdex .

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti ma hux edott mill-fatti, u jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti .

2. Bl-ispejjez kontra l-attrici .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex minnu kkonfermat bil-gurament .

Semghet lill-attrici fis-seduta tal-lum tikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti ghal hekk u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba attrici, tiddikjara illi l-att tat-twelid taghha li jgib in-numru tmienja u erbghin ta’ l-elf disa’ mija hamsa u tletin (48/1935), relattiv ghat-twelid taghha, huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonna ntestata “Ismijiet moghtija” l-ismijiet “Maria, Francesca” huma skorretti u jridu jigu “Maria, Francesca u Rita” filwaqt illi fil-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem indikat bhala “Rita” huwa skorrett u minflok ghandu jkun “Maria” .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------